MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1047/1993/1

**Richard Casha**

**Vs**

**Frans Sammut**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu numru A-3494 minn Msida Road Attard huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-karozza li kienet misjuqa mill-konvenut numru D-3189 li qabad u beda jaqsam l-istess triq, sabiex jidhol, apparentment, fuq in-naha l-ohra tat-triq meta kien gej l-attur u b'rizultat ta' dan il-vettura ta' l-attur sofriet danni qawwija, kif sejjer jirrizulta waqt it-

trattazzjoni tal-kawza tant li giet dikjarata beyond economical repair;

Premess illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu, stante li huwa qabad u qasam minghajr ma ha dawk il-prekawzjonijiet mistennija minnu bhala driver prudenti u dan is-sewqan sar ukoll minghajr ma ta kaz ta' l-utenti l-ohra tat-triq bil-konsegwenzjali kollizjoni li ma setghetx tigi evitata;

Premess illi meta l-konvenut gie mitlub jikkompensa lill-attur huwa baqa' mhux biss inadempjenti izda lanqas biss indenja ruhu jirrizpondi ghall-ittra legali li ntbaghtitlu;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikkjara illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra legali tas-16/06/93 u ta' ittra ufficjali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi relattivament ghall-ewwel talba attrici din ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante ghall-incident *de quo* kien unikament responsabbli l-istess attur stante imperizia negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Illi relattivament ghat-tieni talba attrici, din ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li jsegwi li ma hemmx danni li jigu likwidati fil-konfront ta' l-attur;

3. Illi relattivament ghat-tielet talba attrici jsegwi wkoll li ma hemmx danni li ghalihom ghandhom jigu kundannat li jhallas u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, il-lista tax-xhieda minnu inidikati;

Rat id-digriet tat-3 ta' Dicembru 1993 li permezz tieghu giet nominata bhala perit legali Dr. Yana Micallef Stafrace biex tfittex u tirrelata u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija perit legali li tinsab a fol. 23 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 1997;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Fuq l-isfond tal-provi akkwiziti f'din il-kollizjoni l-perit legali ikkonkludiet illi l-konvenut kien fi htija in kwantu dan naqas li jzomm *proper look-out*;

Il-provi, tista' tghid, huma ristretti ghax-xhieda ta' l-attur (fol. 31 u 33) u tal-konvenut (fol. 36) gjaladarba d-

deposizzjoni tax-xhud Christopher Casha (fol. 34) ma toffri l-ebda riljev fuq id-dinamika tal-habta;

Jirrizulta li fil-jum tat-30 ta’ Mejju 1993 l-attur, li kien qed isuq vettura Numru ta’ Registrazzjoni A-3494 fid-direzzjoni li mir-Rabat taghti ghal H’Attard, osserva vettura pparkjata fuq ix-xellug tieghu faccata tad-dhul ta’ l-Isptar Monte Carmeli. Meta avvicina lejha s-sewwieq taghha nqala’ minn postu tant li hu ma kellux l-opportunita` jaghmel azzjoni evasiva u b’hekk jevita l-habta;

L-istess attur jissokta jghid illi l-konvenut laqghat il-karozza tieghu fuq il-parti xellugija tal-mudguard ta’ quddiem u mad-daqqa tilef il-kontroll u spicca f’hajt in-naha l-ohra tat-triq;

Il-versjoni tal-konvenut dwar kif sehh l-incident hi din. Hu jafferma, kif hekk sostna l-attur, li kien wieqaf ftit qabel il-bus-stop li hemm f’dik il-parti ta’ Mdina Road, Attard, biex josserva jekk kienx permissibbli li vetturi jidhlu fl-Isptar Monte Carmeli. Hu jistqarr li hares lura biex jara jekk kienux gejjin karozzi, xeghel l-*indicator*, u qala’. Il-habta sehhet meta l-vettura tieghu kienet angolata. Qabel il-habta sema’ *brake* u hass *tyres* qed jinzammu;

Quddiem dan il-kwadru tal-fatti u wara li qieset tant il-provi kemm l-opinjoni ta’ l-espert legali, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-kollizjoni u ghad-danni subiti mill-attur;

Ma jistax ikun dubitat illi kienet il-manuvra nkonsulta tal-konvenut li mill-posizzjoni fejn kien sost fuq ix-xellug tat-triq dehrlu li seta’ jibda jitraversa t-triq b’inkurja ghal min kien gej minn warajh, fil-kareggjata proprja tieghu. Inkurja li kkontribwiet biex tostruwixxi l-passagg liberu ta’ l-attur. Din kienet il-kawza prossima u mmedjata tas-sinistru;

Il-konvenut jghid li qabel ma beda jaghmel din il-manuvra l-attenzjoni tieghu kienet iffokata fuq l-entratura li taghti ghall-Isptar Monte Carmeli biex jaccerta ruhu jekk setghax jidhlu karozzi. Huwa jsostni wkoll pero` li qabel ma beda jsuq mill-posizzjoni ta’ waqfien kien hares warajh;

Il-Qorti ttendi biex tosserva illi jekk tassew il-konvenut hares warajh jew ma haresx sew jew addirittura mhux veru li hares. Dan ghaliex kieku verament hares ma setax ma rahx lill-attur gej minn fuq il-lemin tieghu;

Il-Qorti ghalhekk ma ghandha l-ebda ezitazzjoni taskrivi nuqqas da parte tal-konvenut tar-regola u obbligu elementari li jzomm *a proper look out*, qabel, fil-mument u waqt li kien qed jaghmel il-manuvra tieghu. Huwa ovvjament ma esplorax sewwa t-triq jew ghallanqas ma assigurax ruhu illi t-triq kienet tabilhaqq libera b'mod li kienet tippermettielu jibda, jkompli u jtemm b'success il-manuvra tieghu bla ma johloq ostakolu u perikolu ghal vetturi ohra;

Il-manuvra tieghu tant kienet wahda *ex abrupto* li ssorprendiet lill-attur u kkrejatlu emergenza li fl-agonija tal-habta ma setax jarresta l-vettura. Fi kliem l-attur, "kwazi meta sehh l-incident indunjat bil-vettura li qed tinqala' minn postha. Ma tantx kelli zmien niehu *evasive action*.";

F'materja ta' "kolpa" hu pacifiku illi din tissussisti "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*" (**Vol. XXIV P I p 172**);

Ghal dawk li huma danni jirrizulta li b'konsegwenza ta' l-incident il-vettura tal-attur giet konsiderata bhala "*total wreck*" mis-surveyor Natalino Agius. Ara rappoprt tieghu a fol. 64 tal-process, fejn fih jinghad illi l-*pre-accident value* tal-vettura fil-mument ta' l-incident kien ta' hamest elef u sitt mitt lira Maltija (Lm5600). Huwa attribwixxa valur ta' elf u sitt mitt lira Maltija (Lm1600) ghar-*wreck*;

Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**George Debono nomine –vs- Joseph Bugeja**", Appell Civili, 30 ta' April 1990, "jekk il-karozza tigi konsiderata bhala 'total loss' allura l-attur hu ntitolat jigbor minghand il-konvenut id-differenza

bejn il-valur ta’ l-istess karozza qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghax dawk huma d-danni li huwa sofra.”;

Li jfisser fil-kaz in ispecje li l-attur hu intitolat jirrikava minghand il-konvenut l-ammont ta’ erbat elef lira (Lm4000) in linea ta’ rizarciment ghad-danni sofferti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenut fi htija ghal kollizjoni li sehhet fit-30 ta’ Mejju 1993 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur;

Tilqa’ it-tieni domanda u tillikwida d-danni subiti mill-attur fis-somma ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4000) kif fuq inghad;

Tilqa’ wkoll it-tielet domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq likwidata in linea ta’ danni, bl-interessi dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------